




# Il-Ħaddiema fl-Edukazzjoni: 2021-2022

NR203/2023 Data tal-Ħruġ: 15 ta’ Novembru 2023

*Matul is-sena akkademika 2021-2022, l-għadd sħiħ ta’ ħaddiema fl-edukazzjoni formali laħaq id-19,561, żieda ta’ 5.2 fil-mija meta mqabbel mas-sena akkademika ta’ qabel.*



Mid-19,561 ħaddiem fl-edukazzjoni formali, 10,229 minnhom kienu fi rwoli ta’ tagħlim jew akkademiċi, filwaqt li d-9,332 l-oħra kienu fi rwoli li ma kinux ta’ tagħlim dirett jew fi rwoli amministrattivi (Ċart nru 2). Il-biċċa l-kbira, jew 69.8 fil-mija, tal-ħaddiema kollha fl-edukazzjoni formali kienu nisa (Ċart nru 1).

## Ċart nru 1. It-taqsim perċentwali tal-ħaddiema fl-edukazzjoni formali, bis-sess




Nota: Ara n-nota metodoloġika nru 10 għat-tifsir tal-gradi.

## Ċart nru 2. Il-ħaddiema fl-edukazzjoni formali bis-sena akkademika




Nota: Ara n-nota metodoloġika nru 10 għat-tifsir tal-gradi.

**L-għalliema u l-istaff akkademiku**

Fis-sena akkademika ta’ referenza, l-għalliema u l-istaff akkademiku fl-istituzzjonijiet edukattivi ta’ minn qabel il-primarja sal-livell terzjarju żdiedu b’5.1 fil-mija fuq is-sena akkademika ta’ qabel, sabiex laħqu b’kollox 10,229 (Ċart nru 2; Tabelli nri 1 u 2). Minn dawn, 25.2 fil-mija kienu għalliema fil-livelli tas-sekondarja għolja u postsekondarja mhux terzjarja, filwaqt li 24.1 fil-mija kienu għalliema fil-livell terzjarju. L-akbar sehem ta’ għalliema kienu nisa b’66.1 fil-mija. L-għalliema fuq bażi full-time kienu jammontaw għal 82.1 fil-mija tat-total. Meta wieħed iqabbel mas-sena akkademika 2020-2021, l-għalliema u l-istaff akkademiku fuq bażi part-time żdiedu b’31.7 fil-mija (Tabella nru 2).

## Ċart nru 3. It-taqsim perċentwali tal-għalliema u l-istaff akkademiku fuq bażi full-time[1] bil-livell ta’ edukazzjoni[2]




## Ċart nru 4. It-taqsim perċentwali tal-għalliema u l-istaff akkademiku fuq bażi part-time[1] bil-livell ta’ edukazzjoni[2]




[1] Ara n-nota metodoloġika nru 10 għat-tifsir tal-gradi.

[2] Il-livelli ta’ edukazzjoni jirreferu għal-livelli li jgħallmu fihom l-għalliema. Għall-klassifikazzjoni tal-edukazzjoni ara n-nota metodoloġika nru 9.

L-għalliema u l-istaff akkademiku maskili fil-livell terzjarju ammonta ghal 1,506 jew 61.0 fil-mija (Tabella nru 3). Ftit aktar minn nofs l-għalliema u l-istaff akkademiku fuq bażi full-time kienu jinsabu fl-edukazzjoni sekondarja tal-ewwel livell, sekondarja tal-ogħla livell u postsekondarja mhux terzjarja (51.7 fil-mija tal-għalliema u l-istaff akkademiku fuq bażi full-time) (Ċart nru 3). Il-maġġoranza tal-għalliema u l-istaff akkademiku fuq bażi part-time kienu jaħdmu fl-edukazzjoni terzjarja (80.7 fil-mija) (Ċart nru 4).

Matul is-sena akkademika ta’ referenza, 16.5 fil-mija tal-għalliema u staff akkademiku kellhom bejn it-30 u l-34 sena. Warajhom, kien hemm dawk ta’ bejn il-35 u d-39 sena bi 15.4 fil-mija (Tabella nru 4). L-akbar proporzjon ta’ għalliema u staff akkademiku barrani kienu jaħdmu f’istituzzjonijiet privati – b’37.8 fil-mija tal-għalliema li kienu jaħdmu f’isitituzzjonijiet privati jkunu barranin (Ċart nru 5).

## Ċart nru 5. It-taqsim perċentwali tal-għalliema u l-istaff akkademiku[1] bit-tip ta’ istituzzjoni u ċ-ċittadinanza




[1] Ara n-nota metodoloġika nru 10 għat-tifsir tal-gradi.

Fis-sena akkademika 2021-2022 kien hemm proporzjon ta’ 8.8 studenti għal kull għalliem. L-ogħla proporzjon kien irreġistrat fl-iskejjel privati bi 11.5-il student għal kull għalliem, filwaqt li l-inqas proporzjon kien fl-iskejjel tal-istat b’7.9 studenti għal kull għalliem (Ċart nru 6; Tabella nru 6).

## Ċart nru 6. Il-proporzjon ta’ studenti għal kull għalliem[1] bil-livell ta’ edukazzjoni[2], sena akkademika u tip ta’ istituzzjoni




[1] Ara n-nota metodoloġika nru 7.

[2] Il-livelli ta’ edukazzjoni jirreferu għal-livelli li jgħallmu fihom l-għalliema. Għall-klassifikazzjoni tal-edukazzjoni ara n-nota metodoloġika nru 9.

**Persuni li jaħdmu fl-edukazzjoni iżda mhux fi rwoli ta’ tagħlim dirett**

Fl-2021-2022, il-persuni li jaħdmu fl-edukazzjoni iżda mhux fi rwoli ta’ tagħlim dirett ammontaw għal 9,332, żieda ta’ 5.2 fil-mija meta mqabblin mas-sena akkademika ta’ qabel (Ċart nru 2; Tabella nru 1). In-nisa kienu jifformaw 73.7 fil-mija tal-persuni li ma kellhomx irwoli ta’ tagħlim dirett. Aktar minn nofs ta’ dawn il-ħaddiema kienu assistenti tal-għalliema, b’total ta’ 4,717, jew 50.5 fil-mija tal-istaff kollu li ma jgħallimx. Total ta’ 1,479 persuna kienu jaħdmu fi rwoli ta’ amministrazzjoni jew livelli ogħla ta’ amministrazzjoni tal-iskola (15.8 fil-mija tal-istaff kollu li ma jgħallimx), 1,277 u 1,224 oħra kienu mdaħħlin fil-maniġment jew f’maniġment ta’ livell ogħla tal-iskejjel, u bħala ħaddiema tal-manutenzjoni u tal-operat, rispettivament (13.7 fil-mija u 13.1 fil-mija tal-istaff kollu li ma jgħallimx) (Tabella nru 7).

Aktar minn terz tal-assistenti tal-għalliema kellhom bejn it-30 u d-39 sena – 36.7 fil-mija (Tabella nru 8). Il-maġġoranza (67.3 fil-mija) kienu impjegati f’istituzzjonijiet immexxija mill-istat (Tabella nru 9). Madwar tnejn minn kull ħames assistenti tal-għalliema kienu impjegati fl-edukazzjoni primarja (42.9 fil-mija tal-assistenti tal-għalliema) (Tabella nru 10).

L-għadd sħiħ ta’ persuni fi rwoli ta’ maniġment u maniġment ta’ livell ogħla fl-iskejjel kien jilħaq l-1,277, żieda ta’ 7.8 fil-mija meta mqabbel mas-sena akkademika 2020-2021 (Tabella nru 11).